MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 56/2000/1

Patricia Ann Needham .

vs

Dottor Carmelo Galea li b'degriet tal-11 ta' April, 2000 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Nicholas Needham .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut Nicholas Needham fl-erbatax (14) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija disgha u sebghin (1979) ;

Illi mir-relazzjoni ta’ bejniethom kellhom iben wiehed u cioe’ Benjamin Needham li twieled fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Frar elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) ;

Illi l-hajja konjugali ta’ l-attrici ma’ zewgha l-konvenut Nicholas Needham giet reza impossibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment ;

Illi ghalhekk hemm lok ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ;

Illi l-attrici u zewgha l-konvenut gew awtorizzati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ degriet moghti fis-sittax (16) ta’ Novembru elf disa’ mija disgha u disghin (1999), liema digriet igib in-numru 125/99 PC ;

Illi l-attrici tixtieq illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom tigi likwidata u li jigu restitwiti lilha l-beni parafernali taghha .
Talbet lill-konvenut nomine jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija ;

2. Tafda f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja ta’ l-iben komuni minuri Benjamin Needham ;

3. Tiffissa r-retta alimentari pagabbli illi ghandha tigi prestata mill-konvenut lill-iben komuni u wkoll tiffissa r-retta alimentari li ghandha tigi prestata mill-konvenut lill-attrici ;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas tali retta alimentari kif iffissata minn din l-Onorabbli Qorti ;

5. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita’ reciproci ;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jigu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-attrici ;

7. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel illi l-hajja konjugali tkissret irrimedjabilment u ghaldaqstant ma jopponix t-talba ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti .

2. Illi l-ksur irrevokabbli taz-zwieg ma garax tort ta’ xi komportament ta’ Nicholas Needham, izda ghal kuntrarju kienet l-attrici illi wasslet sabiex iz-zwieg tkisser irremedjabilment minhabba xorb esagerat u sokor bla kontroll da parti taghha, kif jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba numru 7 tal-attrici hija assolutament bla bazi ghaliex hu qatt ma kien hati ta’ adulterju lejn il-mara tieghu u lanqas ta’ eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontriha, jew kontra l-iben komuni u fil-fatt lanqas l-attrici ma allegat illi kien hemm xi forma ta’ mohqrija jew htija tieghu sabiex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u ghaldaqstant din it-talba ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attrici ;

4. Illi ghaldaqstant hija bla bazi ukoll it-talba tal-attrici illi l-iben komuni minuri Benjamin Needham jigi

afdat fil-kustodja tal-attrici ghaliex sa fejn jaf hu, missieru dejjem mantnieh u kien ta' ezempju tajjeb lejn ibnu u ghaldaqstant il-kustodja tal-iben komuni ghandha tigi afdata lill-genituri flimkien fl-ahjar interess tat-tifel :

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Nicholas Needham ma ghandux jaghti manteniment lil martu u ghandu jigi obbligat imantni lil ibnu biss sakemm ikollu access ghal ibnu ;

6. Illi huwa ma jopponix illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta' eredita reciproci, illi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan basta illi jigu jdentifikati sewwa l-beni tal-kontendenti .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-citazzjoni tal-konvenut nomine li permezz taghha, wara li ppremetta :

Illi huwa irid jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni prezentata mill-attrici biex jaghmel il-kontro talba tieghu ;

Illi dan iz-zwieg tkisser irrevokabilment, u inoltre Patricia Ann Needham kienet hatja fil-konfront ta' zewgha ta' eccessi, mohqrija, u offizi gravi ;

Illi t-tifel dejjem kellu relazzjoni ottima ma' missieru; mentri ghal kuntrarju l-omm qeghda tkun hatja ta' abbandun fil-konfront tat-tifel specjalment meta hija tkun fis-sakra jew mod iehor mhux kapaci illi tiehu hsieb taghha innifisha .

Talab lill-attrici tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg bejnietkom ghandha tigi akkollata lilha biss ;

2. Konsegwentement, jekk jidhrilha hekk opportun, tapplika fil-konfront taghha id-dispozizzonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici

Civili in toto jew in parti, u dan senjatament billi tiddikjara illi hija ddekadiet mid-dritt illi titlob il-manteniment minghand zewgha ;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-iben komuni Benjamin Needham lill-konvenut u dan fl-ahjar interessi tat-tifel .

4. Tordnalha tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel b'dak il-mod u manjiera illi jidher l-aktar opportun fl-interess tal-istess iben komuni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, kontra l-attrici .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta debitament imharrka ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghal din il-kontro-talba li biha eccepiet illi :

1. Illi hija ma topponix it-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan stante li din intalbet minnha stess fic-citazzjoni originali ;

2. Illi pero' s-separazjzoni qed tintalab unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut u ghalhekk l-eccipjenti topponi bil-qawwa kollha ghat-talbiet kollha elenkati fil-kontro-citazzjoni tal-konvenuta u dan ghar-ragunijiet li jigu ppruvati ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attrici annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet .

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2000 fejn innominat lill-avukat Dottor Alfred Grech bhala perit legali f'din il-kawza .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali pprezentata fit-28 ta' Frar 2002 u mahlufa fil-25 ta' Gunju 2002 .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza fejn l-attrici qeghdha titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u zewgha kif rapprezentat, minhabba li l-hajja konjugali giet resa mpossibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment . Il-konjugi Needham izzewgu fl-esteru fl-14 ta' Lulju 1979 u mir-relazzjoni ta' bejniethom twieled tifel fit-22 ta' Frar 1986 u semmewh Benjamin . Apparti din is-separazzjoi u l-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri, l-attrici ghamlet ukoll it-talbiet l-ohra li soltu jigu nkluzi f'kawza simili, kif indikat fic-citazzjoni .

Nicholas Needham, kif rapprezentat, qed jaghmel ukoll il-kontro-citazzjoni tieghu, fejn apparti li jitfa l-htija ghat-tkissir taz-zwieg fuq martu, jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lilu u li martu tigi ordnata wkoll tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri .

L-ewwel talba ta' l-attrici hija sabiex il-Qorti tordna s-separazzjoni personali bejnha u zewgha . Nicholas Needham, kif anke jirrizulta min-nota ta' l-eccezzjonijiet tar-rapprezentant tieghu, jaqbel li z-zwieg tkisser irremedjabilment u ghaldaqstant ma jopponix ruhu ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali . Izda jkompli jghid li dan it-tkissir taz-zwieg kien dovut ghall-komportament ta' martu minhabba xorb esagerat u sokor bla kontroll da parti taghha . Ghalhekk jitfa l-htija tat-tkissir taz-zwieg fuq martu .

Madankollu mkien fil-kors tal-kawza ma tressqu xi provi f'dan ir-rigward. Minflok, il-konjugi Needhom kkoncentraw ghal kollox fuq l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, b'hafna

allegazzjonijiet dwar min minnhom kien qed iberbaq il-flus u jaghmel id-djun . Fil-kors tas-smieh tal-kawza gie esebit affidavit rilaxxjat mill-kopja Turner, hbieb tal-konjugi Needham[1] . F'dan l-affidavit hemm xi referenza ghal problema ta' xorb ta' l-attrici, imma jidher minn dak li jintqal illi din il-problema tfaccat wara li kien gia beda l-inkwiet bejn il-konjugi Needham u li ma kienitx il-kawza ewlenija tal-firda, kif irid ipingiha l-konvenut nomine . Fin-nuqqas ta' provi aktar sostanzjali, jidher illi ghal din is-separazzjoni jahtu l-kontendenti ndaqs u ma tista' tigi mputata ebda htija partikolari fuq xi hadd minnhom . X'aktarx illi l-modalitajiet tal-hajja taghhom kemm ilhom mizzewgin, fejn ghexu l-parti l-kbira tal-hajja matrimonjali taghhom mifrudin minn xulxin, bil-mara u t-tifel hawn Ghawdex u r-ragel ghal bosta xhur mis-sena msiefer fil-lvant nofsani, kkontribwew sewwa ghal din il-sitwazzjoni . Il-Qorti taqbel ghalhekk mal-konkluzjonijiet peritali f'dan ir-rigward illi l-effetti ta' l-artikoli 48 - 51 tal-Kap. 16 m'ghandhom jigi applikati fil-konfront ta' ebda parti ghal dan iz-zwieg .

It-tieni talba ta' l-attrici tirrigwarda l-affidament tal-kura u l-kustodja tal-minuri Benjamin Needham . Din hija wkoll it-tielet talba fil-kontro-citazzjoni tal-konvenut nomine . Hadd mill-kontendenti ma ghamel ebda talba dwar il-kura u kustodja tal-minuri *pendente lite* a tenur ta' l-artiklu 47 tal-Kap. 16 . Matul il-kors tas-smiegh tal-kawza t-tifel baqa' jghix ma' ommu, kif del resto kien dejjem jaghmel fl-assenza ta' missieru ghall-parti l-kbira tas-sena minhabba x-xoghol tieghu fl-esteru . Jidher illi l-kontendenti kienu sodisfatti b'dan l-arrangiamnet u fil-kors tas-smiegh tal-kawza, darba biss inqala' incident rigward il-minuri, fejn il-missier allega illi martu kienet qed thalli t-tifel nieqes finanzarjament[2] . Tenut kont pero' tal-fatt illi l-minuri llum ghandu sbatax il-sena u ser jilhaq l-eta' tieghu erba' xhur ohra biss, kunsiderat ukoll illi s'issa dejjem ghex ma' ommu f'din il-gzira u l-fatt illi missieru ghadu jahdem fl-esteru bl-istess kundizzjonjiet, taqbel ukoll ma' dak li rrelata l-perit legali f'dan ir-rigward illi m'ghandu jigi

[1] a fol. 33 – 34 tal-process .
[2] ara rikors ta-konvenut noe. tat-23.1.2003 a fol. 111 - 112 u Dok. CG mieghu anness .

disturbat xejn ghall-ftit xhur li baqa' u l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' tigi fdata f'idejn l-omm . L-access li l-missier igawdi ghall-minuri meta jkun f'dawn il-gzejjer, ghandu jibqa' jigi ezercitat kif miftiehem b'konsultazzjoni ma' l-istess minuri . Imbaghad malli jilhaq it-tmintax il-sena, t-tifel ser ikun fil-liberta' kollha li jaghzel hu ma' min imur jghix u kif jiffrekwenta l-genituri tieghu .

L-attrici qeghdha titlob ukoll li tigi ffissata lilha u lil binha minuri r-retta alimentari . Jirrizulta illi l-attrici m'ghandhiex mezz ta' dhul iehor ghajr l-alimenti li fil-prezent qeghdha tircievi minghand zewgha . Billi hija barranija, huwa wkoll ferm difficli li takkwista permess tax-xoghol f'dawn il-gzejjer . Hemm ukoll il-fattur ta' l-eta', li jista' wkoll ikun kontra taghha jekk tigi biex 'l quddiem tirritorna lura f'pajjizha u tfittex ix-xoghol . Ghalhekk l-opportunitajiet li hija taqla' l-ghixien taghha ma humiex daqstant probabbli . Jibqa' ghalhekk id-dmir ta' zewgha li jipprovdilha manteniment adegwat ghall-ghixien taghha, tenut kont tal-mezzi tieghu . Naturalment id-dmir tal-missier li jipprovdi ghall-manteniment ta' ibnu minuri jibqa' jissusisti, sakemm it-tifel jilhaq l-eta' tieghu . Fil-kaz in ezami l-piz ikollu jaqa' unikament fuq il-missier, billi, kif gia nghad, l-omm m'ghandhiex il-mezzi taghha . Din il-Qorti fil-gurisdizzjoni volontarja taghha, wara li qieset il-mezzi u ntrojtu ta' Nicholas Needham[3], kienet iffissat retta alimentari ghal martu u ibnu minuri fis-somma ta' tliet mija u tmenin lira maltija fix-xahar (Lm380) . Jidher illi din is-somma hija wahda adegwata sabiex tibqa' tithallas bhala manteniment, mehud in konsiderazzjoni l-istil ta' hajja, l-istat socjali u c-cirkostanzi komtemporanji socjali f'dan il-pajjiz . Jidher illi qatt ma kien hemm ebda ilment dwar din ir-rata ta' retta alimentari u sakemm ma jkun hemm ebda bdil fic-cirkostanzi, dan l-ammont m'ghandhux ghalfejn jigi varjat . Il-Qorti ghalhekk taqbel ukoll ma' dak li kkonkluda l-perit legali f'dan ir-rigward . Pero' billi, kif gia nghad, il-minuri dalwaqt ser jilhaq l-eta' maggioritarja tieghu, huwa opportun li ssir distinzjoni bejn dak li ghandu jkun dovut bhala manteniment partikolari ghas-sinjura Needham u dak li huwa dovut ghall-minuri . Tenut kont

[3] F'rikors tas-6.7.2000 il-konvenut kien iddikjara li qed jaqla' madwar Lm1360 fix-xahar; a fol. 24 tal-process .

ukoll illi wara li tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, il-pozizzjoni finanzjarja ta' l-attrici ser tkun iktar fis-sod, l-Qorti thoss, l-istess bhall-perit legali, illi s-somma ta' mitejn lira maltija (Lm200) fix-xahar ghandha tkun bizzejjed ghaliha . Ghalhekk ghall-minuri jkun dovut il-bilanc ta' mija u tmenin lira maltija (Lm180) fix-xahar .

Nigu issa ghall-likwidazzjoni ta' l-akkwisti . Ghalkemm il-konjugi Needham izzewgu fl-esteru u huma domiciljati barra minn Malta, a tenur tal-ligi taghna, huma ghandhom xorta wahda il-komunjoni ghal dawk il-beni kollha li huma akkwistaw wara li waslu Malta[4] .

**Immobbl**i : Bhala assi mmobiljarji, l-konjigi Needham irrizulta li ghandhom biss id-dar matrimonjali fl-indirizz "Mahdeen", fi Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex . Din id-dar kienet mixtrija waqt iz-zwieg u waqt illi l-konjugi Needham kienu qed jirrisjedu f'dawn il-gzejjer . Hadd mill-partijiet ma kkontenda illi din tista' tinqasam komodament f'zewg *units* sabiex tkun tista' takkomodahom separatament . Ghalhekk din id-dar, wara li tigi stmata, ghandha tinbiegh bis-subasta sabiex ir-rikavat imbaghad jinqasam ugwalment bejn il-partijiet .

**Beni mobbli** :

1. *Karozzi* . Issemmew zewg vetturi . Hemm li Skoda li tintuza regolarment mill-attrici, u fl-elenku tal-beni mhejji minnha[5] taghmel wkoll referenza ghal Triumph convertible bajda (1970 model) li kienet fil-*garage* u tnehhiet minn Nicholas Needham fit-13 ta' Marzu 2003[6] . Ma rrizultax illi din il-karozza inxtrat waqt li l-konjugi Needham kienu f'dawn il-gzejjer u ghalhekk tapplika l-prezunzjoni li din tappartjeni l-assi parafernali tar-ragel u m'ghandhiex tigi kkalkolata . Minn naha l-ohra li Skoda hija mudell tal-1992, mixtrija waqt li l-konjugi Needham kienu qed jirrisjedu Malta, u ghalhekk tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti taghhom . Din ghandha ghaldaqstant tigi stmata u jew tinbiegh sabiex ir-rikavat

[4] Art. 1316(2) tal-kap. 16
[5] ara Nota ta' l-attrici ta' l-14.3.2003 a fol. 11 126
[6] a fol. 125

jinqasam bejn il-kontendenti, jew tinzamm mill-attrici akkont ta’ sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti .

2. *Ghamara u oggetti ohra* fid-dar matrimonjali jew li kienu hemm sakemm tnehhew mir-ragel biex jintuzaw minnu fl-appartament fejn qed jirrisjedi meta jkun f’dawn il-gzejjer: L-oggetti kollha elenkati fil-lista esebita mill-attrici ma’ n-nota taghha gia msemmija, ghandhom jigu stmati minn espert li ghandu mbaghad jallokahom f’zewg lottijiet li jigu assenjati lill-partijiet, wara li tittella x-xorti bejniethom .

3. *Investimenti u depoziti bankarji ohra :* (a) Nicholas Needham irrizulta li kien ghamel investiment fis-socjeta’ finanzjarja *Globe Financial Management Services Limited* ta’ : 28750 lira sterlina . Imma sabiex seta’ jiffinanzja dan l-investimnet kien ha self min-National Bank of Abu Dhabi . Dakinhar minhabba illi r-rata ta’ imghax ghal dan is-self kienet inqas mill-interessi mhallsa fuq l-investimnet mal-Globe derhlu li dan l-investiment kien wiehed vantaggjuz . Imma meta l-investiment ma baqghax jirrendi daqshekk, beda jaqa’ lura fil-pagamenti u sarulu diversi sejhiet ghall-hlas kif anke jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti processwali . Infatti fuq talba apposta din il-Qorti kienet anke awtorizzatu jizbanka nofs l-investiment fil-Globe sabiex ikun jista’ jhallas is-self li kellu mal-bank ta’ Abu Dhabi . Gara pero’ illi wara li Nicholas Needham zbanka dawn il-flus ma utilizzahomx kollha sabiex jifdi d-dejn li kellu mal-Bank ta’ Abu Dhabi, imma hallas mill-istess flus diversi debiti ohra li kellhom il-konjugi Needham rigward hlasijiet maghmula permezz ta’ *credit cards* . L-attrici pprotestat dwar dan, imma l-Qorti thoss illi fic-cirkostanzi, fejn il-banek relattivi kienu qeghdin anke jheddu li jiehdu passi legali sabiex jigbru l-kreditu dovut lilhom, il-konvenut ghamel sew li heles mill-istess djun u b’hekk gew evitati aktar spejjez inutili ghall-kontendenti . L-attrici tikkontendi illi dawn id-djun ma kienux saru kollha minnha, anzi piuttost minn zewgha . Imma kif sewwa qal il-konvenut nomine fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, peress illi ghadha ma gietx likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti, d-djun kollha, ghamilhom minn ghamilhom, jibqgu debiti ta’ l-istess

komunjoni . Ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda alternatttiva hlief illi l-bilanc f'dan l-investiment mal-Globe jigi likwidat sabiex, wara li jithallsu d-debiti kollha li jista' ghad ikun baqa', ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti . (b) Issemmew ukoll xi azzjonijiet fil-Millwall Football Club . Ma hemmx qbil dwar il-valur ta' dawn l-azzjonijiet . Ghalhekk hu x'inhu l-valur taghhom, dawn ghandhom jigu likwidati sabiex ir-rikavat jinqasam ukoll bejn il-kontendenti . (c) L-attrici taghmel ukoll pretensjoni fuq l-*end of service benefits* li zewgha huwa ntitolat ghalihom meta jispicca mill-impieg tieghu. Huwa minnu illi mid-dokumenti esebiti jidher illi qed tiggemma somma partikolari ghal kull sena li Nicholas Needham jaghmel fl-impieg mal-kumpanija taz-zejt li jahdem maghha f'Abu Dhabi[7] . L-attrici tikkontendi illi ghandha dritt ghal nofs is-somma akkumulata almenu sad-data ta' meta tinghata s-separazzjoni . Imma kif tajjeb qal il-konvenut u anke kkonferma l-perit legali, din is-somma mhix garantita, u cioe' mhux bil-fors tittiehed mill-konvenut skond ma hemm iddikjarat fid-dokument NN16[8], ghax fi kwalunkwe kaz din hija xi haga futura li hija konsegwenzjali ghat-temm tal-impieg . Anke mill-kundizzjonijiet tax-xoghol u terminazzjoni ta' l-impieg tal-kumpanija taz-zejt fejn jahdem Nicholas Needham[9], jidher illi l-impieg tieghu mhux necessarjament jigi terminat minhabba l-eta' jew il-kuntratt, imma jista' wkoll ghal diversi ragunijiet ohra, li jistghu jiddependu kemm mill-imgieba tal-impjegat li jkun, kif ukoll minn cirkostanzi ohra li hadd ma jista' jkollu kontroll fuqhom, u ghalhekk sakemm effettivament jinghataw, din l-*end of service benefit* hija dejjem xi haga incerta . Ghaldaqstant ma jidhirx illi l-attrici ghandha ragun f'din il-pretensjoni taghha .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

- ghar-rigward tac-citazzjoni :

1. tilqa' l-ewwel talba ta' l-attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Needham minhabba li l-hajja bejniethom giet resa

---

[7] dok A a fol. 148

[8] anness mar-relazzjoni tal-perit legali .

[9] ara dok. NN a fol. 55 - 56

impossibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment ;

2. tilqa’ t-tieni talba rigward il-kura u kustodja ta’ l-iben minuri Benjamin Needham, u tafda l-istes kura u kustodja f’idejn l-attrici, b’dana illi l-konvenut jibqa’ jgawdi access liberu ghall-istess minuri skond kif jigi miftiehem bejn il-partjiet b’konsultazzjoni ma’ l-imsemi minuri;

3. tilqa’ t-tielet talba ta’ l-attrici, fis-sens illi r-retta alimentarja pagabbli lilha mill-konvenut ghandha tkun fis-somma ta’ mitejn lira maltija (Lm200) fix-xahar, filwaqt illi dik pagabbli lilha wkoll mill-konvenut ghall-minuri tkun ta’ mija u tmenin lira maltija (Lm180) fix-xahar .

4. Tilqa’ wkoll ir-raba talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas r-retta alimentari hawn iffissata lill-attrici ghaliha u ghal binha minuri ;

5. Tilqa’ l-hames talba u tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita’ reciproci ;

6. Tilqa’ s-sitt talba, tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Needham; tillikwida l-istess komunjoni u tiddikjara illi din tikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u mmobbli ndikati fil-korp ta’ din is-sentenza ; tiddikjara illi d-dar matrimonjali fl-indirizz “Mahdeen”, Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex, ghandha tigi stmata mill-A.I.C. Joseph Dimech li qed jigi nominat ghal dan il-fini, u mbaghad tingieb ghall-bejgh bis-subbasta, sabiex ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti; b’dana illi fic-cirkostanzi partikulari tal-kaz sabiex ikun assikurat il-hlas tal-manteniment dovut lill-attrici, sehem ir-ragel mir-rikavat sa massimu ta’ hamsin elf lira maltija (lm50,000) ghandu jigi depozitat f’istituzzjoni finanzjarja f’Malta; tiddikjara illi l-karozza tat-tip Skoda ghandha tigi stmata minn Raymond Bajada ta’ “Bajada Auto Dealers” u jew tinbiegh sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti, jew tinzamm mill-attrici akkont ta’ sehemha; tiddikjara illi l-oggetti kollha fid-dar matrimonjali ndikati fil-lista esebita mill-attrici u li ghadhom jinsabu fl-

istess dar jew gia tnehhew mill-konvenut, ghandhom jigu stmati minn Helen Cassar ta' Fortunato Mizzi Street, Victoria, jinqasmu f'zewg lottijiet li ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti wara li tittella x-xorti bejniethom; tiddikjara wkoll illi l-investimenti finanzjarji u depoziti ohra f'isem il-konjugi Needham jew xi hadd minnhom ghandhom jigu zbankati u wara li jithallsu kwalunkwe debiti li jista' ghad ikun baqa', r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti ;

7. tichad is-seba' talba billi ma rrizultax illi l-htija ghal din is-separazzjoni tista' tigi mputata fuq xi hadd partikolari mill-kontendenti .

- dwar il-kontro-talba :

1. tichad l-ewwel talba ghar-raguni gia ndikata ;

2. ghall-istess raguni tichad ukoll it-tieni talba ;

3. tichad it-tielet talba billi l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata lill-attrici ; u

4. tichad ukoll ir-raba' talba billi ma jidhirx illi l-attrici tista' tkun f'pozizzjoni li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri fil-ftit xhur ohra li baqa' sakemm dan jilhaq l-eta' tieghu .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------